MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tal-21 ta' Frar, 2007

Appell Civili Numru. 1/2004/1

**Joseph Abela, u Ruzar, Joseph, Carmelo, Salvu, Rose mart Ahmed Amaut, Mary mart Emanuel Curmi u Rita mart Charles Dimech, ilkoll ahwa Abela**

**vs**

**Katarina Cachia**

**Il-Qorti,**

Fit-13 ta’ Frar, 2006, il-Bord li Jirregola l-Kera ppronunzja is-segwenti sentenza in parte fl-ismijiet premessi:-

“Il-Bord,

Ra r-rikors ipprezentat mir-rikorrenti fid-9 ta’ Jannar, 2004 fejn esponew:

Illi huma jikru lill-intimata l-fond numru 86, Xatt is-Sajjieda, Marsaxlokk, versu l-kera annwali ta’ Lm8.00 pagabbli

f'Marzu ta' kull sena, bl-iskadenza prossima taghlaq f'Marzu, 2004;

Illi l-fond fuq imsemmi kien jinkera u jintuza bhala mahzen ghall-hanut ta' grocer li l-intimata kellha ftit bibien 'l fuq mill-imsemmi fond;

Illi n-negozju li kienet tezercita' l-intimata ilu li ghalaq, u kwindi m'ghadx hemm lok li l-fond *de quo* jintuza aktar bhala store;

Illi fil-fatt il-fond *de quo* jinsab maghluq, u ilu zmien twil ma jintuza' ghall-iskop li ghalih gie mikri;

Illi di piu' l-intimata abbandunat l-istess fond, u naqset milli taghmel manutenzjoni regolari, u thares l-istess fond kif inhu d-dmir taghha, tant illi llum dan jinsab zdingat, mitluq u mkisser;

Illi inoltre l-intimata ghandha fond iehor fil-vicinanzi illi tista' tuza jekk trid;

Ghaldaqstant l-esponeti, ghar-ragunijiet fuq premessi, jitolbu umilment lil dan il-Bord sabiex fl-iskadenza li tmiss, u cioe' f'Marzu 2004, jawtorizzahhom biex ma jgeddux il-lokazzjoni tal-fond 86, Xatt is-Sajjieda, Marsaxlokk, lill-intimata, u konsegwentement jordna lill-intimata biex tivvaka l-istess fond, u troddu lura lill-esponenti, fi zmien qasir u perentorju li dan il-Bord joghgbu jiffissa.

Ra r-risposta pprezentata mill-intimata fejn esponiet:

1. Illi fl-ewwel lok bhala eccezzjoni preliminari dina l-kawza ghandha tigi michuda u dan abbazi tal-principju "les alibi pendens" peress li hemm kawza fl-istess ismijiet u fuq l-istess mertu pendenti quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) Avviz Nru 1071/91JAB liema kawza tinsab differita ghas-sentenza;

2. Illi fit-tieni lok bhala eccezzjoni preliminari ukoll u minghajr pregudizzju ghas-suespost ir-rikorrenti ma setghax jintavola din il-kawza odjerna galadarba huwa

ghadu ma hallasx l-ispejjez tal-kawza li ghadha pendenti quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta);

3. Illi fit-tielet lok u dejjem minghajr pregudizzju gha dak li diga nghad dan il-Bord ma jistax jiehu konjizzjoni ta' dan ir-rikors u dan ghaliex ir-rikorrenti fil-kawza pendenti quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) ippremetta illi l-esponenti ma ghandiex titolu validu skond il-ligi;

4. Illi fir-raba lok u minghajr pregudizzju ma huwiex minnu dak li qieghed jikkontendi r-rikorrenti fis-sens illi l-fond imsemmi ma huwiex jintuza bhala store;

5. Illi l-anqas ma huma minnu dak li ppremetta l-istess rikorrenti li l-intimata naqset milli tiehu hsieb il-manutenzjoni u thares l-istess fond;

6. B'riserva ghal eccezjonijiet ulterjuri.

Semgha x-xhieda bil-gurament.

Ra l-atti u d-dokumenti kollha.

Ra l-verbal tad-19 ta' Jannar 2006

Ra n-noti ta' sottomissjonijiet tal-partijiet.

Ikkunsidra:

1. Il-partijiet talbu decizzjoni fuq it-tieni eccezzjoni:
"Ir-rikorrenti ma setghax jintavola din il-kawza odjerna galadarba huwa ghadu ma hallasx l-ispejjez tal-kawza li ghadha pendenti quddiem il-Qorti tal-Magistrati".

2. Jirrizulta li quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) kien hemm avviz (1071/91JAB) li gie cedut permezz ta' nota fid-29 ta' Novembru, 2004. Ir-rikors ta' llum gie pprezentat fid-9 ta' Jannar, 2004. Dan ir-rikors hu fl-ismijiet "Joseph Abela u Ruzar, Joseph, Carmelo, Salvu, Rose mart Ahmed Arnaut, Mary mart Emanuel Curmi u Rita mart Charles Dimech ilkoll ahwa Abela vs Katerina Cachia". Quddiem il-Qorti tal-Magistrati l-avviz numru

1071/91JAB kien fl-ismijiet "Guiseppi Abela vs Katerina Cachia". Quddiem il-Bord l-ismijiet tar-rikorrenti u ta' l-intimati zdiedu. Ghaliex gara hekk il-Bord ma jafx u ma tressqu l-ebda provi. L-intimati li taw l-eccezzjoni jghidu li din hi 'bidla' kosemetika izda ma ppruvaw xejn. Aktarx hi l-ewwel kawza quddiem il-Qorti tal-Magistrati kienet imsejsa fuq nuqqas ta' titolu.

3. L-artikolu 907(2):
"Il-parti li tirrinunzja ghall-atti ghandha thallas l-ispejjez tal-kawza u hija ma tistax tibda kawza ohra ghall-istess haga, qabel ma tkun fil-fatt hallset dawk l-ispejjez lill-parti l-ohra".

4. Li gara f'dan il-kaz hu li l-kawza quddiem il-Qorti tal-Magistrati mhux biss saret qabel dan ir-rikors imma baqghet ghaddejja meta dan kien imressaq. Legalment gara li l-avviz quddiem il-Qorti tal-Magistrati imsejsa fuq nuqqas ta' titolu (?) gie imkisser b'dan ir-rikors fejn qed jinghad li hemm titolu ta' kera. Dan dejjem b'riserva ghaz-zieda fl-ismijiet bejn il-partijiet. Ghalhekk dan ir-rikors beda qabel ma gie cedut l-avviz.

5. L-artikolu imsemmi jirreferi ghal meta ssir <u>rinunzja</u> ta' l-atti u mhux ghal kawzi decizi (ara "Brincat noe et vs Mifsud et" (Appell 16 ta' April 2004). Ara wkoll Mifsud vs Thorne deciza minn dan il-Bord u konfermata fl-Appell fil-11 ta' Marzu, 2001).

6. Intqal in re:
"Baldacchino vs Bartolo (Prim Awla per Caruana Colombo fit-30 ta' Gunju, 1954 "la rinunzia agli atti di regola importa la estinzione della procedura, e non quella dell'azione, ed in conseguenza la rinunzia con animo di meglio derigersi lascia aperto il diritto alla riproposizione della stessa domanda" (Vol 5-648 XXVIII -111-737, b'mod illi l-parti li tirrinunzja ghall-attijiet tista' tibda kawza ohra ghall-istess azzjoni. Pero' din il-fakulta' hi biss moghtija lil dik il-parti, qabel ma tibda l-kawza l-ohra, hija tkun hallset l-ispejjez ta' dik il-kawza lill-parti l-ohra, altrimenti dik il-parti ma tkunx tista' tibda l-kawza l-ohra ghall-istess azzjoni......."

7. Il-ligi ssemmi ‘kawza ohra ghall-istess azzjoni’. “Dak li jikkostitwixxi l-istess haga m’humiex ta’ bilfors l-uzu ta’ l-istess kliem imma n-natura fil-qofol tal-azzjoni l-wahda u l-ohra”. (Tasika Auto Limited vs Jason Mizzi, Prim Awla per Micallef deciza fis-16 ta’ Ottubru, 2003; ara wkoll “Ivo Borg vs Carmelo Muscat, deciza fit-28 ta’ Ottubru, 1960 Prim Awla per Flores; “Giovanna Mangion vs Joseph Meli Bugeja et deciza fit-30 ta’ Gunju, 1960 Kum per Gouder). “Ir-regola tal-artikolu 907 tidhol fis-sehh biss jekk kemm-il darba t-tieni kawza tinbeda wara li l-ewwel wahda tkun diga’ giet ceduta. Minn kliem il-ligi, ma jidhirx li persuna li tkun bdiet it-tieni kawza waqt li l-ewwel wahda tkun ghadha ghaddejja jaqa’ fuqha l-obbligu li thallas lill-parti l-ohra l-ispejjez taghha ta’ l-ewwel kawza qabel tista’ titressaq it-tieni azzjoni. Ma jidhirx li l-parti mharrka f’kaz bhal dan, tkun tista’ tinvoka l-kundizzjoni tal-artikolu 907 (2) imma biss l-eccezzjoni tal-lis alibi pendens (ara ibid “Tasika Auto Limited vs Jason Mizzi”.

8. Kif intqal dan ir-rikors sar meta l-avviz kien ghadu pendenti quddiem il-Qorti tal-Magistrati.

9. Barra dan l-ewwel kawza saret quddiem il-Qorti tal-Magistrati u issa qed issir quddiem tribunal specjali b’kompetenza limitata mwaqqaf b’ligi specjali li ma jistax jissejjah ‘Qorti’ (kif ser jinghad aktar il-quddiem). Ta’ bilfors it-talbiet ma jistghux ikunu l-istess. Wahda li dwar nuqqas ta’ titolu u l-ohra hi dwar non uso u nuqqas ta’ manutenzjoni.

10. Ghalhekk l-eccezzjoni taht l-artikolu 907 ma tistax tintlaqa’: “Jista’ jkun li l-partijiet m’humiex l-istess, dan ir-rikors sar zgur qabel l-avviz ma gie cedut, ir-rikors mhux dwar l-istess haga, l-avviz sar quddiem Qorti, r-rikors sar quddiem tribunal specjali. L-eccezzjoni qed tigi michuda.

11. Il-Bord jifhem li ghalkemm il-partijiet intefghu ghal kollox fuq din l-eccezzjoni kien hemm ohra qabilha “res alibis pendens” imsemmija fis-sitt (6) paragrafu ta’ din is-sentenza. Skond gurisprudenza recenti (ara Kummissarju ta’ l-Art vs Licari noe, Appell Kostituzzjonali 30 ta’ Gunju, 2004) “fil-kamp civili (il-Qorti huma) il-Qrati Civili u l-Qorti

ta’ l-Appell u l-Qorti Kostituzzjonali, kwantu ghal Qrati Superjuri u l-Qorti tal-Magistrati (Malta) u l-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) kwantu Qrati Inferjuri; u fil-kamp penali l-Qorti tal-Magistrati (Malta) u l-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) ghal dak li huma inferjuri, u l-Qorti Kriminali u l-Qorti ta’ l-Appell Kriminali ghal dak li huma Qrati Superjuri. Gie deciz li l-Bord ta’ Arbitragg Dwar Artijiet ma kienx Qorti. Dan il-Bord jigi fl-istess qaghda. Din is-sentenza mxiet fuq (ghalkemm ma ssemmihiex) fuq ohra moghtija mill-Onorabbli Prim Awla tal-Qorti Civili in re: Muscat vs Borg Cardona (deciza fis-6 ta’ April 1957, Vol XLI-11-977 u ohra, ‘Galea vs Gatt’ (Vol XXVIII-1-85). Dawn stabbilew li ghall-ghanijiet tal-litis pendentia l-Bord ‘non e’ un tribunale’.

Ghalhekk il-Bord jichad l-eccezzjonijiet preliminari, spejjez riservati. Jibqghu shah il-jeddijiet dwar l-ispejjez tal-avviz fuq imsemmi li gie cedut quddiem il-Qorti tal-Magistrati. L-atti qed jintbaghtu lura lill-periti teknici biex jaghmlu access u jhejju rapport. Ir-rikors jibqa’ differit ghat-22 ta’ Frar, 2006 fid-9:00a.m. biex jigu mahtura l-periti.”

Dan hu appell introdott mill-intimata kontra s-sentenza parzjali tal-Bord li Jirregola l-Kera li permezz taghha dan it-tribunal cahad it-tieni eccezzjoni preliminari minnha mqanqla. Skond l-appellanti d-decizjoni tal-Bord tmur kontra d-dispost ta’ l-Artikolu 907 (2) tal-Kapitolu 12 in kwantu l-istanza quddiem il-Bord u dik l-ohra quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Avviz Numru 1071/91/JAB) kellhom talba unika tendenti ghall-isfratt taghha mill-fond. Dejjem skond l-appellanti l-precitat artikolu kien wiehed car u esplicitu dwar l-applikabilita` tieghu, u cjoe, li hadd ma seta’ jipproponi kawza ohra dwar l-istess mertu u bejn l-istess persuni qabel ma jhallas l-ispejjez tal-kawza ceduta;

Hu provvdut bl-Artikolu 907 tal-Kodici ta’ Organizzazzjoni u Procedura Civili illi:-

> “(1) Ir-rinunzja ggib l-istess effetti tad-dezerzjoni;

(2) Il-parti li tirrinunzja ghall-atti ghandha thallas l-ispejjez tal-kawza u hija ma tistax tibda kawza ohra ghall-istess haga, qabel ma tkun fil-fatt hallset dawk l-ispejjez lill-parti l-ohra";

Tajjeb li jigi registrat hawn ukoll illi skond l-Artikolu 906 (1) ta' l-istess Kodici, "kull wahda mill-partijiet tista', b' nota ffirmata minnha jew mill-avukat taghha, f' kull waqt tal-kawza sas-sentenza definittiva, tirrinunzja ghall-atti illi hija tkun ipprezentat". Rinunzja din li hija wkoll maghrufa fit-terminologija legali bhala cessjoni ta' l-atti. Ara sentenza fl-ismijiet "**L-Accountant General -vs- Anthony Gauci *proprio***", Appell, 23 ta' Mejju, 2000;

Ghal dawk li huma l-antecedenti ghall-kawza odjerna jirrizulta inkontrastat illi:-

(1) Il-kawza l-ohra quddiem il-Qorti tal-Magistrati kienet giet ceduta fir-Registru permezz ta' Nota ipprezentata fid-9 ta' Jannar 2004. Din in-Nota, pero`, ma kienetx ukoll guramentata mill-parti u ghalhekk effettivament dik il-kawza giet formalment ceduta fl-udjenza tad-29 ta' Novembru 2004. Ara xhieda tar-Registratur Albert Portelli, fol. 23;

(2) L-ispejjez gudizzjarji ta' dik il-kawza baqghu ma thallsux mill-atturi rinunzjanti;

Dan premess, jinhass opportun illi qabel konsiderazzjoni tal-fattispeci partikolari ta' dan il-kaz u ta' l-obbjezzjonijiet postulati bl-aggravju, jigu inkwadrati dawn il-principji u enuncjazzjonijiet ta' dritt *in subjecta materia*:

(1) L-ewwelnett, ir-rinunzja ghall-atti tal-gudizzju hi distinta mir-rinunzja ghall-azzjoni. Din ta' l-ahhar iggib rinunzja tal-mertu u hi immedjatament effikaci anke minghajr l-accettazzjoni tal-kontroparti, li hi hekk necessarja skond l-Artikolu 908 fil-kaz tar-rinunzja ghall-atti tal-gudizzju. Dan ghaliex f' dan l-ahhar kaz l-kontroparti jista' jkollha interess li tikkonsegwi rizultat utli u

guridikament apprezzabbli aktar mill-fatt ta’ l-estinzjoni tal-process. Ir-rinunzja ghall-azzjoni, allura, ma tirrikjedix l-accettazzjoni tal-kontroparti. Din l-azzjoni tigi estinta bil-volonta` unilaterali tal-parti rinunzjanti u dan igib ic-cessazzjoni tal-materja kkontestata u ghandha effikacja tar-rigett fil-mertu tad-domanda. Fundamentalment, l-ispejjez tal-process jitbatew mir-rinunzjant;

(2) Hu ritenut illi “*la rinunzia agli atti di regola importa la estinzione della procedura e non quella dell’ azione, ed in conseguenza la rinunzia con animo di meglio dirigersi lascia aperto il diritto alla riproposizione della stessa domanda*” (**Kollez. Vol. XXVIII P III p 737**);

(3) Naturalment dan id-dritt tar-riproposizzjoni tat-talba hu kondizzjonat ghas-sodisfaciment tal-hlas ta’ l-ispejjez tal-kawza ceduta [Artikolu 907 (2), Kapitolu 12]. Jinsab enuncjat illi “din id-disposizzjoni tapplika wkoll meta l-azzjoni tigi proposta f’ Qorti diversa minn dik li quddiemha kienet giet qabel proposta u dan id-difett ma jistax jigi sanat billi l-parti li naqset thallas dawk l-ispejjez toffri l-hlas taghhom waqt it-trattazzjoni tal-kawza riproposta” (**Kollez. Vol. XLIV P II p 771**. Ara wkoll **Kollez. Vol. XXXIX P II p 804**);

Fermi dawn il-principji, l-appellanti, bla dubju, kienet tkun gustifikata fl-assunt taghha kieku tabilhaqq fil-kaz odjern jokkorru r-rekwiziti kostitutivi tas-subinciz (2) ta’ l-Artkolu 907 predett fil-mument li fih l-appellati ntavolaw l-azzjoni taghhom quddiem il-Bord. Ghal kuntrarju, hi l-fehma konsiderata ta’ din il-Qorti illi f’ dan l-assunt taghha l-appellanti ma ghandhiex ragun;

Fir-rigward ta’ din il-fehma taghha l-Qorti taghmel dawn ir-riflessjonijiet li jsegwu:-

(1) Il-ligi trid li ma tistax tinbeda kawza ohra <u>ghall-istess haga</u>. Issa apparti l-konsiderazzjoni dwar jekk il-kawza quddiem il-Bord inbdietx wara dik l-ohra jew kontestwalment mac-cessjoni ta’ dik, hu zgur illi l-kawza

hekk proposta quddiem il-Bord mhix "ghall-istess haga". Huwa veru li l-oggett finali fit-tnejn hu wiehed, u cjoe, l-izgumbrament ta' l-appellanti mill-fond imma, imbaghad, fit-tnejn il-kawzali mhix l-istess. Dan ghaliex mentri fil-kawza quddiem il-Qorti tal-Magistrati kien premess l-okkupazzjoni bla titolu, f' dik odjerna dan it-titolu huwa sottintiz bhala wiehed ta' kera u l-isfratt mitlub hu konsegwenza tal-ksur tal-kundizzjonijiet ta' dan l-istess titolu. F' kaz bhal dan, kif insenjat, dik il-kondizzjoni tar-rimbors ta' l-ispejjez ta' l-ewwel kawza ceduta ma tapplikax. Ara **Kollez. Vol. XLV P II p 673**. Dan anke indipendentement mill-osservazzjoni illi z-zewg kawzi gew istitwiti f' fora differenti;

(2) Hu insenjament daqstant iehor validu illi l-Artikolu 907 (2) tal-Kapitolu 12 japplika biss f' dawk il-kazijiet fejn l-azzjoni tigi istitwita mill-gdid mill-parti rinunzjanti mhux biss fuq l-istess mertu imma wkoll kontra l-istess persuna. Ara s-sentenza gja citata in re "**L-Account General -vs- Anthony Gauci *proprio***", Appell, 23 ta' Mejju 2000. F' dan il-kaz titwila anke superficjali lill-atti taz-zewg kawzi ghandha tissodisfa illi wkoll hawn il-partijiet ma humiex l-istess;

(3) Bir-rispett kollu dovut huwa inutili li l-appellanti tirrikorri ghas-sostenn tat-tezi taghha ghall-elementi kostitutivi tar-*res judicata* in kwantu dawn ma japplikawx f' dan il-kaz. Jekk xejn, ghaliex ir-*res judicata* tippresupponi l-ezistenza ta' kawza gja deciza u hawn ma jirrizultax li kien hemm xi kawza li giet deciza mill-Qorti tal-Magistrati;

(4) Ta' min jissottolineja illi d-dispost ta' l-Artikolu 907 (2) hu wiehed eccezzjonali u ma jistax jigi applikat indiskriminatament meta jkun jidher car illi ma hemmx lok, fil-fattispeci, ghall-applikazzjoni tieghu;

(5) Mhux il-kaz li din il-Qorti toqghod tintrattjeni ruhha fuq l-aspett tal-*lis alibi pendens* li dwarha ssofferma kemm il-Bord kif ukoll l-appellanti. Dan ghaliex is-sentenza, kif jinghad proprju fl-introduzzjoni tal-konsiderazzjonijiet maghmula mill-Bord kellha tkun

ristretta ghat-tieni eccezzjoni biss u mhux ukoll dwar l-ewwel eccezzjoni riferibilment ghal-*lis alibi pendens.*

Ghal dawn il-motivi kollha din il-Qorti tirrespingi l-appell sottomess u tikkonferma d-decizjoni tal-Bord dwar it-tieni eccezzjoni preliminari.  L-ispejjez ta’ dan l-appell jibqghu a karigu ta’ l-intimata appellanti.  Finalment tirrimanda l-atti lura lill-Bord ghall-kontinwazzjoni u decizjoni ta’ l-eccezzjonijiet l-ohra u tal-meritu tal-kaz.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------